# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 27**

**Avviz numru 549/97/SM**

**Ivan Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Ivana Mobili.**

**vs**

**George Aquilina u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 1998 Katie Aquilina mart George kjamata in kawza.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Marzu ta' l-1997 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur s-somma ta' LM800 (tmien mitt Lira Maltin) rappresentanti bilanc ta' somma**

**akbar ta' prezz ta' ghamara mibjugha u konsenjata lilu;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju 1335/96 FF, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata t-8 t'April ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament l-avviz ma giex intavolat kontra l-mara tal-konvenut u ghalhekk hija obbligazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwist;**

2. **Illi bla pregudizzju tal-premess l-ammont ta' tmin mitt Lira Maltin, (Lm800.00,0), mhux dovut stante li x-xoghol sar hazin, mhux ta' kwalita' kif pattwita u mhux skond is-sengha u l-arti;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-digriet datat l-24 ta' Marzu ta' l-1998 ta' din il-qorti diversament preseduta li permezz tieghu kkjamat in kawza lil Katie Aquilina mart George;**

**Rat ukoll id-digriet datat l-14 ta' Lulju ta' l-1998 ta' din l-istess qorti diversament preseduta li permezz tieghu hatret lil Anthony Galea bhala espert tekniku sabiex jezamina x-xoghol ta' l-injam;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;**

**Ezaminat ir-relazzjoni teknika pprezentata;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi f'Gunju ta' l-1996 il-konvenut u l-kjamata in kawza ordnaw xi xogholijiet ta' l-ghamara minghand l-attur proprio et nomine;**

2. **Illi in effetti ordnaw kcina tal-pine bil-faccati "solid", vettrina tal-pine; hames (5) "flash doors" ta' gewwa; xambrella; bieb ta' barra u finalment poggaman li gie ordnat separatament f'Awissu ta' l-1996;**

3. **Illi l-ammont totali ta' din l-ghamara kien ta' tlett elef u erba' mitt Lira Maltin, (Lm3,400.00,0);**

4. **Illi l-attur proprio et nomine rcieva depositu ta' sitt mitt Lira Maltin, (Lm600.00,0), ircieva wkoll pagamenti ohra u ghad fadal bilanc ta' elf Lira Maltin, (Lm1,000.00,0);**

5. **Illi in effetti, f'Ottubru tal-1996 tnaqqsu mejda, erba' siggijiet u vetrina mill-ordni originali u ghalhekk il-bilanc dovut tnaqqas ghall-tmin mitt Lira Maltin, (Lm800.00,0);**

6. **Illi x-xoghol tlesta f'Ottubru ta' l-1996;**

7. **Illi ghalkemm l-attur proprio et nomine ikkonceda t-trepass ta' perjodu konsiderevoli ta' zmien biex jithallas l-imsemmi bilanc, pero' jirrizulta li meta avvicina l-konvenut illum defunt inghata risposta li kien ser jithallas fi zmien erba' xhur peress li ma kellux flus;**

8. **Illi jidher ukoll li ppropona li jhallas il-bilanc dovut ratealment izda l-attur proprio et nomine irrifjuta;**

9. **Illi l-konvenut fuq indikat jirrizulta li kien jittella mill-attur stess il-fabbrika tieghu biex jara l-progress fix-xoghol u meta sussegwentement gie installat ma jirrizulta li kein hemm l-ebda lanjanza fir-rigward, anzi pjuttost ix-xoghol kien jigi mfahhar mill-akkwirenti;**

**10. Illi meta l-konvenut gie interpellat gudizzjarjament biex ihallas il-bilanc minnhu dovut jirrizulta li l-attur isostni li dan kien wiegbu "…jekk trid issa dahhalni l-Qorti";**

**11. Illi ghalhekk giet intavolata din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-access tal-fond fejn tinsab l-ghamara in dizamina sehh fiz-17 ta' Frar tas-sena 2000 (ara fol 49) – abbundantement erba' snin wara l-istallazzjoni ta' l-ghamara mertu tal-kaz odjern;**

**Illi in oltre hu indikat fl-istess relazzjoni teknika li l-konvenut kien prezenti ghall-istess access haga li fil-fehema ta' din il-qorti kienet impossibbli tenut kont tal-fatt li l-konvenut jirrizulta li ghadda ghall-hajja ahjar fit-18 ta' Dicembru ta' l-1999;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi tenut kont tas-suespost it-trapass tal-perjodu fuq indikat mill-istallazzjoni ta' l-ghamara de quo ghall-ezami tekniku jirrendi l-istess ezami inkonsegwenti stante li l-istess ghamara mhux biss ma kienitx taht il-kontrolli necessarji izda ghaddiet fil-pussess ta' terzi li ma gewx interrogati fir-rigward;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in oltre jirrizulta li l-fond fejn gie installat il-poggaman li kien principalment il-bicca ghamara li l-aktar li giet attakkata mill-espert tekniku – jirrizulta li nbiegh lill-terzi li ibbenefikaw mill-istess prodott ta' l-attur proprio et nomine u li qatt ma ntalbu jiddeponu f'din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi finalment ghandu jinghad li l-kjamata in kawza qatt ma pprezentat il-posizzjoni taghha skond il-ligi ;**

**Ghaldaqstant din l-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tordna lill-kjamata in kawza Katie Aquilina thallas lill-attur proprio et nomine l-ammont ta' tmien mitt Lira**

**Maltija, (Lm800.00,0), bilanc minn somma akbar, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**